# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DOTTOR SIMONE GRECH
## B.A., LL.D., MAG. JUR. (EUR LAW)

**Każ numru 26/2021 (SG)**

**Il-Pulizija**

**versus**

**Emman Xerri**

**Illum, 13 ta' Frar 2025**

**Il-Qorti;**

**Rat** l-imputazzjonijiet mressqa kontra Emman Xerri, ta' 31 sena, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 41289G, iben Teddy u Mary Anne xebba Farrugia, imwieled Raat GHawdex, li permezz tagħhom ġie akkużat talli f'dawn il-Gzejjer, nhar is-26 ta' Jannar 2020 u/jew fil-ġranet jew ġimgħat ta' qabel, f'xi ħin matul il-lejl, minn ġewwa yard fi Triq iz-Zebbuġ, l-Għasri, Għawdex u/jew fil-viċinanzi f'dawn il-Gżejjer:

1. Ikkommetta serq aggravat ta' għodda ta' kostruzzjoni u tyres, liema serq huwa aggravat bil-ħin u bil-valur, liema valur jeċċedi l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċentezmu (€2,329.37), u dan għad-detriment ta' Joseph Magro u/jew persuni/entitajiet oħra, **u dan bi ksur tal-artikoli 42, 261(c)(f), 267, 270, 279(b) u 280(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.**
2. U aktar talli fl-istess dati, ħin, lok u ċirkostanzi, naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) ppreseduta mill-Maġistrat Dr. Joseph Mifsud LL.D. nhar l-4 ta' Ġunju 2019, li bih ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija, billi kkommetta delitt li m'huwiex wieħed ta' natura involontarja, **u dan bi ksur tal-artikoli 579(1)(2) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta**.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabbli għall-imsemmija reati, tirrevoka 'contrario imperio' id-digriet tal-ħelsien mill-arrest u tordna r-rearrest tal-imsemmi Emman Xerri, kif ukoll tordna is-somma ta' tnejn u għoxrin elf ewro (€22,000) indikata fl-istess digriet bħala depożitu u garanzija personali sabiex jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta.

**Rat** li din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti hekk kif ippreseduta;

**Rat** id-dokumenti kollha ppreżentati, u fliet l-atti kollha tal-kawża;

**Semgħet** ix-xhieda prodotta;

**Rat** ir-rapport ippreparat minn Antwan Mugliett u mill-Perit Claude R. Mallia;

**Rat** l-artikoli idikati mill-Avukat Ġenerali fin-nota tal-24 ta' Ottubru 2022;

**Rat** li l-imputat ma kellux oġġezzjoni li din il-kawża tiġi trattata u deċiża minn din il-Qorti bil-proċedura sommarja;

**Semgħet** trattazzjoni finali;

**Rat** li din il-kawża ġiet differita għas-sentenza;

**Rat** l-atti kollha;

**Ikkunsidrat:**

**Provi Prodotti**

Din il-Qorti fliet ix-xhieda miġbura f'dan il-każ.

Fl-istqarrija li l-imputat għażel li jiffirmaha u li ngħatat minnu, wara li huwa ġie mogħti lista tad-drittijiet tiegħu skont il-liġi, iżda wara li huwa għażel li jikkonsulta mal-avukat tal-fiduċja tiegħu, u kif ukoll għażel li ma jkollux avukat preżenti waqt ir-rilaxx tal-istess stqarrija, l-imputat sostna li huwa bla ebda mod ma kien involut fis-serqa ta' oġġetti appartenenti lil Joseph Magro u li hu miġġieled ma' Mark Lorry Said li wkoll kien issuspettat li wettaq l-istess serqa, u ilu miġġieled miegħu minn qabel is-sena 2020. Fl-istqarrija ntqal ukoll li Mark Lorry Said semma li l-imputat kien miegħu waqt is-serqa, biex ipattihielu talli l-imputat qiegħed mal-eks partner u omm it-tfal tal-istess Mark Lorry Said.

Xehdu wkoll diversi uffiċjali tal-pulizija, u ċjoè l-Ispettur Josef Gauci, PS676 Edelon Spiteri, PC 326 Benjamin Portelli, PS 1040 John Grima, PS 715 Lucian Gatt, PS 186 Christian Mintoff, l-Ispettur Joseph Mercieca, PS 1024 Jeffrey Rizzo, u PC 807 Felix Vella li lkoll spjegaw l-involviment tagħhom f'din l-investigazzjoni.

Xehed ukoll **Joseph Magro** li spjega li huwa sab neqsin diversi oġġetti u li kien meta ra l-martell tiegħu fuq Marketplace f'Facebook illi informa

lill-pulizija b'dak li ġara. Spjega wkoll f'xi jiem wara, kien ġie avviċinat minn Mark Lorry Said li kien infurmah li ried jirranġa miegħu u li kien lest li jagħtih lura żewġ banjijiet, li fil-fatt ġew ritornati lura lilu. Joseph Magro sostna li kienu nsterqulu xi oġġetti oħra u kif ukoll spjega kemm hu l-valur ta' dawn l-oġġetti. Qal li Mark Lorry Said kien qallu li meta saret is-serqa, kien hemm miegħu Emman Xerri. Spjega wkoll li Emman Xerri kien għamel żmien jaħdem miegħu.

Xehed **Roderick Magri** li spjega li l-martell inkwistjoni kien ġabu missier Mark Lorry Said, u dana wara li Mark Lorry Said kien talbu biex isiblu l-bejgħ tiegħu. Dan spjega li huwa ma jafx min hu Emman Xerri. Ikkonferma li dan qatt ma kellu x'jaqsam miegħu.

Xehed **Saviour Farrugia**, in rappreżentanza ta' Transport Malta, li sosnta li l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni FBF 571 qiegħda fuq isem Mark Lorry Said u ilek hekk mis-7 ta' Jannar 2014.

Xehed **Mark Lorry Said** wara li dan kien instab ħati li wettaq is-serqa inkwistjoni. Dan sostna li l-imputat kien mar miegħu ġol-bitħa ta' Joseph Magro minn fejn wettqu s-serqa. Hu xehed illi huma kienu marru bil-karozza ta' missier Mark Lorry Said, Renault Clio. Kompla jgħid illi daħlu ġol-bitħa billejl u ħadu minn hemm żewġ buckets u martell. Xehed illi għabbewhom b'idejhom. Waqt il-kontroeżami xehed illi poġġew iż-żewġ banjijiet tal-gaffa u l-martell fil-bagoll tal-karozza.

Ikkonferma illi huwa miġġieled mal-imputat Emman Xerri, u li ġġieled peress illi Emman Xerri beda joħroġ mal-eks partner tiegħu. Xehed illi dakinhar tas-serqa, hu ma kienx għadu mal-eks partner tiegħu Toni Mandy Small, però din kienet għadha ma bdietx toħroġ ma' Emman Xerri, u dakinhar kienu għadhom ħbieb. Ix-xhud kien ferm evażiv meta mistoqsi direttament dwar meta effettivament iġġieled mal-imputat.

Said xehed illi huma ħadu l-affarijiet mill-bitħa ta' Magro biex hu jitħallas tax-xogħol li għamel lil Emman Xerri. Spjega illi Emman Xerri kellu jbigħ l-affarijiet misruqa biex iħallsu, però mbgħad l-affarijiet baqgħu għandu. Hu xehed illi Emman Xerri kellu jagħtih elf ewro (€1,000), imma skont hu l-affarijiet misruqa kellhom valur anqas.

L-imputat għażel ukoll li jixhed f'dawn il-proċeduri. Huwa reġa' kkonferma l-verżjoni li kien a tempo vergine meta kien ġie mitkellem mill-pulizija. Infatti, huwa kkonferma li hu u Mark Lorry Said huma miġġeldin għax hu jinsab f'relazzjoni mal-eks partner ta' Mark Lorry Said. Xehed illi huwa beda r-relazzjoni magħha fil-bidu tas-sena elfejn u dsatax (2019), filwaqt li kellu xi jgħid ma' Mark Lorry Said mill-ewwel ġurnata li beda r-relazzjoni mal-imsemmija Toni Mandy Small.

**Ikkunsidrat:**

Mill-assjem ta' dawn il-provi jirriżulta li l-uniku prova li torbot dan l-akkadut mal-imputat hija x-xhieda ta' Mark Lorry Said. Mill-bqija tax-xhieda prodotta, l-imputat ma jissemma mkien ħlief meta jiġi senjalat mill-istess Mark Lorry Said. L-uniku konnessjoni li l-imputat għandu ma' dawn l-oġġetti misruqa hija li skont is-sid tal-oġġetti misruqa (u ċjoè Joseph Magro), huwa kien għamel żmien jaħdem ma' Magro.

Għaldaqstant, il-Qorti għandha quddiemha żewġ verżjonijiet kontrastanti, fejn min-naha l-waħda, hemm il-verżjoni ta' Mark Lorry Said li nstab ħati illi wettaq is-serqa u li qed jallega li l-imputat kien kompliċi miegħu, u fuq in-naha l-oħra, il-verżjoni tal-imputat li qed jiċħad illi huwa kien b'xi mod involut, filwaqt li insista li din l-istorja kollha ħoloqha Said biex ipattihielu stante li huwa qiegħed f'relazzjoni mal-eks partner ta' Said.

Din il-Qorti qieset il-verżjoni mogħtija minn Mark Lorry Said u ma tqisx li l-verzjoni tiegħu hija waħda kredibbli. Apparti li Said kien evażiv ħafna f'diversi domandi li sarulu, b'mod partikolari dwar meta ġġieled minn mal-imputat, partijiet mill-istess xhieda tiegħu għandhom mill-inkredibbli. Pereżempju, l-oġġetti misruqa kienu għodda ta' kostruzzjoni u tyres. Nonostante l-kobor ta' wħud minn dawn l-għodda, dan Said baqa' jsostni fix-xhieda tiegħu li dawn mirakolożament inġarru ġewwa l-bagoll tal-karozza proprjetà ta' missieru. Inoltre, ix-xhieda tal-istess Mark Lorry Said tikkontrasta ferm max-xhieda u l-osservazzjonijiet li għamel l-Uffiċjal tal-Pulizija Edelon Spiteri, li xehed illi jidher ċar illi l-oġġetti ġew mgħoddija minn fuq il-gate permezz ta' *high up*. Din il-Qorti setgħet ukoll tikkonstata l-impossibilità li dak li kien qed jixhed Said huwa veritier, meta ħadet konjizzjoni tar-ritratti esibiti fl-atti proċesswali kif ukoll ir-rapport tal-espert Antwan Mugliett. Il-Qorti ma tasalx biex temmen illi l-oġġetti misruqa nġarru mill-yard ta' Joseph Magro bl-idejn minn Mark Lorry Said u minn Emman Xerri, u tgħabbew fil-karozza ta' missier Mark Lorry Said.

Inoltre, il-Prosekuzzjoni naqset li tipprova tissostanzja x-xhieda mogħtija minn Mark Lorry Said bi provi oħra. Fost oħrajn, skont Said, Emman Xerri kellu jagħtih xi flus. Madanakollu, fl-ebda hin ma tressqu xi xhieda addizzjonali biex jikkorraboraw dan il-punt.

Kuntrarjament għal dan kollu, hemm ix-xhieda mogħtija mill-imputat a tempo vergine u kif ukoll fil-mori ta' din il-kawża. Dan dejjem baqa' jagħti l-istess verżjoni.

Fid-dawl ta' tali inkonsistenzi, din il-Qorti tqis li ma għandhiex triq oħra għajr li ma ssibx ħtija fl-imputat fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, stante li ma għandhiex quddiemha provi lil hinn minn kull dubbju raġjonevoli dwar il-konnessjoni tal-imputat ma' dan l-akkadut.

Dwar it-tieni imputazzjoni, ġaladarba l-ewwel imputazzjoni ma tirriżultax, it-tieni imputazzjoni lanqas ma tista' tirriżulta.

**DECIDE**

Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq premessi, din il-Qorti wara li rat l-Artikoli relattivi, u ċjoè l-Artikoli 42, 43, 44, 45, 261(c)(d)(f), 267, 268, 270, 279(b), 280(1), 579(1)(2), 382(A), 383, 384, 385, 386, 412C, 412D, 15A, 17, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ma ssibx lil Emman Xerri ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u konsegwentement qiegħda tilliberah mill-imputazzjonijiet hekk kif dedotti kontrih.

**(ft) Dr Simone Grech**
**Maġistrat**

**(ft) John Vella**
**D/Reġistratur**

**Vera Kopja**

**Għar-Reġistratur**